# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 60

Data tal-laqgħa: 12 ta' Settembru, 2022

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn, 12 ta' Settembru 2022 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Assenti b'appoloġija | Christopher Fenech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.40p.m. billi ntqalet it-talba.

**60/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**60/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Christopher Fenech biex jiġi skużat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala Assenti b'appoloġija.

**60/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 58 u 59**

**60/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**60/02/02** **Para 58/02/02:** Is- Segretarju Eżekuttiv qalet li nhar it-Tlieta, 26 ta' Lulju 2022 kellna laqgħa mal-Onor. Dr Clifton Grima.

**60/02/03** **Para 58/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet talbet laqgħa mal-Lands Authority biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**60/02/04** **Para 58/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet talbet laqgħa mal-Lands Authority biex nieħdu għelieqi abbandunati li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

**60/02/05** **Para 58/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser ikkuntattja lil Perit Rita Vella mill-Planning Authority fuq il-fondi mill-UIF.

**60/02/06** **Para 58/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl il-Planning Authority għad trid tieħu deċiżjoni.

**60/02/07** **Para 58/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**60/02/08** **Para 58/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lil Infrastructure Malta fuq il-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero.

**60/02/09** **Para 58/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**60/02/10** **Para 58/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiltaqa' mal-Perit rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard*.

**60/02/11** **Para 58/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv ordnat l-*information panel* dwar is-Superjur Guido Tanti.

**60/02/12** **Para 58/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi.

**60/02/13** **Para 58/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lil Infrastructure Malta biex sqaq fit-Triq tal-Ferha jsir bil-konkos.

**60/02/14** **Para 58/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lill-ħajjata għal *cover* tal-platform lift.

**60/02/15** **Para 58/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Bulletproof Fitness qed jippruvaw iġibu *sponsorship* mingħand il-McDonald's għal *open gym* fi Ġnien tal-Ponta fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**60/02/16** **Para 58/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet kitbet lil Lands Authority rigward il-proposta biex it-Torri tas-Semaforu jinbidel f'Mużew tal-Komunikazzjoni bir-Radju.

**60/02/17** **Para 58/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta mill-Enemalta fuq l-applikazzjoni biex issir bozza ġdida fi Triq l-Indipendenza ħdejn id-*dog bin*.

**60/02/18** **Para 58/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta minn Transport Malta jekk jistgħux jsiru żewġ *sleeping police* fi Triq San Ġwann.

**60/02/19** **Para 58/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella ta' *No Parking* fi Triq Għaxqet l-Għajn saret.

**60/02/20** **Para 58/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li id-dawl mal-*bollards* tal-Kunsill sar.

**60/02/21** **Para 58/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Bertu Aquilina ser ikun qed jiżbogħ il-ħitan tal-Ġnien ta' Żagħruna.

**60/02/22** **Para 58/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-mera ta' ħdejn Juniper Mews fi Triq San Ġwann saret.

**60/02/23** **Para 58/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Cleanup minn Ħal Għargħur – Is-Swieqi flimkien ma' Kunsill Reġjonali Lvant ħa ssir it-Tlieta, 13 ta' Settembru 2022 (5:30pm-7:30pm).

**60/02/24** **Para 58/05/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret CCTV camera oħra fi Ġnien il-Paċi.

**60/02/25** **Para 58/05/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nibdlu l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**60/02/26** **Para 58/05/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat 4 qsari għal ħnejjiet ta' Ġnien il-Paċi.

**60/02/27** **Para 58/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja għadha ma tpoġġietx ma' dawra taz-zuntier.

**60/02/28** **Para 58/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-siġar ta' Vjal ir-Repubblika nżabru.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**60/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

60/03/01 Is-Sindku qalet li kellna festa sabiħa u rringrazzjat lill-għaqdiet kollha. Is-Sur Abraham Aquilina rringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tal-Kunsill għal kordinazzjoni.

60/03/02 Is-Sindku qalet li idealment il-*Christmas Market* isir bejn is-Sibt, 3 ta' Diċembru u l-Ħadd, 4 ta' Diċembru 2022. Ser jintramaw madwar 10 *stalls* fi Triq San Bartilmew, 4 *stalls* fi Triq l-Oratorju u 6 *stalls* f'Misraħ il-Knisja.

60/03/03 Is-Sindku qalet li ser tkellem lil Ms Ben sabiex fl-ewwel ġurnata tal-iskola l-Kunsill jieħu ħsieb jarma *red carpet*, ħnejja bil-bżieżaq u żewġ karattri ta' Disney biex jilqgħu lit-tfal tal-iskola. Il-Kunsill qabel unanimament.

60/03/04 Is-Sindku qalet li mis-Società Dante Alighieri talbuha biex jibdew jgħallmu t-Taljan fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

60/03/05 Is-Sindku qalet li ser tagħmel laqgħa ma' Sa. Cynthia Formosa mill-Active Ageing and Community Care.

60/03/06 Is-Sindku saqsiet lill-membri jekk isibux oġġezzjoni sabiex isir bust ta' Superjur Guido Tanti ħdejn ix-xelter fi Triq Ferdinandu. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel kuntatt mal-Perit Hector Zammit.

60/03/07 Is-Sindku resqet li jerġa' jeħel *cigarette bin* ħdejn il-Każin tal-Partit Laburista.

**60/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

60/04/01 Ma kienx hemm.

**60/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

60/05/01 Ġiet innutata stima mill-Book Distributors Ltd għal seba' kotba għal-librerija €60.75. Il-Kunsill qabel unanimament.

60/05/02 Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 9741 rigward talba għal *reserved parking bay* fi Triq San Bartilmew.

60/05/03 Ġiet innutata talba għal installazzjoni ta' bins fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li ssir *site visit*.

60/05/04 Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 3 ta' Awwissu 2022).

60/05/05 Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 10 ta' Awwissu 2022).

60/05/06 Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Christopher Farrugia rigward l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill għall-iskema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi 2022/2023. It-talba tagħna ġiet aċċettata u l-Kunsill ħa jkun qed jibbenifika mix-xogħol tar-restawr fuq Misraħ il-Knisja.

60/05/07 Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 24 ta' Awwissu 2022).

60/05/08 Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 31 ta' Awwissu 2022).

60/05/09 Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Ivana Farrugia mir-Restoration Directorate fejn qed titlob lill-Kunsill jassisti fl-esekuzzjoni ta' railing ta' madwar 3m mad-dawra tal-pill box.

**60/05/10** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 9941 rigward talba għal *reserved parking bay* fi Triq San Nikola.

**60/05/11** Il-Kunsill irċieva ilment rigward il-problema ta' *over speeding* fi Xwieki Housing Estate.

**60/05/12** Fuq it-talba għal tabelli ġodda fi Triq Ferdinandu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**60/05/13** Fuq it-talba biex nibdlu l-ordni tal-ispazji tal-parkeġġ fi Triq Vendome. Il-Kunsill qabel unanimament.

**60/05/14** Is-Sur Abraham Aquilina qal li sar xogħol ħażin fi Triq l-Oratorju. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel kuntatt mal-Water Services Corporation.

**60/05/15** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li f'Diċembru noħorġu l-fuljett. Il-Kunsill qabel unanimament.

**60/05/16** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq sabiex naraw x'restawr għandu bżonn l-inkwadru tal-Għar San Brincat. Is-Sur Aquilina ser jiċċekkja x'inhu l-materjal tal-inkwadru.

**60/05/17** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jsiru 3 *bollards* ħdejn il-monument ta' San Bartilmew. Is-Segretarju Eżekuttiv applikat ma' Transport Malta.

**60/05/18** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Christopher Fenech ressaq talba ta' resident biex fejn kien hemm il-*bus shelter* f'Misraħ il-Knisja isir bank. Is-Sindku qalet li hemmhekk ser jinfetaħ ħanut.

**60/05/19** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Christopher Fenech ressaq li nixtru tank tal-ilma għal ħdejn id-Duluri fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill qabel unanimament.

**60/06** **Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart (April-Ġunju 2022)**

**60/06/01** Is-SE ppreżentat ir-Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart u pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**60/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**60/07/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**60/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**60/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru 2022 fil-5:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

| | |
|---|---|
| **Helene Gauci** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |